# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tal-5 ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru : 123/2023 JPG**

**Kawza Numru : 30**

**RC**

**U**

**PM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' RC u PM datat 2 ta' Marzu 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ fil-hmistax ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u disghin (15/09/1990) fil-knisja tal-Madonna ta' Fatima, Gwardamangia, ċertifikat taż-żwieġ qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A";*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ, twieldu zewgt ulied, illum maggorenni, u cioe' CM u JM;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat l-ewwel t'Ottubru tas-sena elfejn u sittax (01/10/2016) fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Briffa, kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dokument B";*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, u llum il-ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;*

5. *Illi ma hemm l-ebda pendenza rigward ħlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-oħra, u dan anke għaliex il-partijiet irrinunzjaw reċiprokament mid-dritt tagħhom illi jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin, u dan hekk kif jirriżulta ċar minn klawsola numru tnejn (2) tal-fuq imsemmi kuntratt tas-separazzjoni;*

6. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruħhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir-Reġistru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2023 (Vide Fol 23), fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi x'jissottomettu jew sottomissjonijiet finali x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**PM xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-15 ta' Settembru 1990 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Maria Briffa datat 1 ta' Ottubru 2016. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

RC xehdet (Vide Fol 13) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien***

***għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Settembru 1990, liema zwieg jgib certifikat numru 1692/1990 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg

twieldu zewgt itfal li llum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar Dr Maria Briffa datat l-1 ta' Ottubru 2016. (vide Dok B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1692/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**